

L-Erbgħa 11 ta' Frar 2015

III

(Atti preparatorji)

IL-PARLAMENT EWROPEW

P8_TA(2015)0015

Miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim mal-Islanda *I**

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-11 ta' Frar 2015 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda (kodifikazzjoni) (COM(2014)0308 – C8-0011/2014 – 2014/0160(COD))

(Proċedura leġislattiva ordinarja – kodifikazzjoni)

(2016/C 310/12)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2014)0308),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u 207(2), skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C8-0011/2014),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-10 ta' Diċembru 2014 ⁽¹⁾,
 - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 dwar metodu ta' ħidma aċċellerat tal-kodifikazzjoni uffiċjali tat-testi leġislattivi ⁽²⁾,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 103 u 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Komitat għall-Affarijiet Legali (A8-0031/2014),
- A. billi, fl-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma Konsultattiv tas-Servizzi Legali tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, il-proposta kkonċernata tillimita ruħha għal kodifikazzjoni pura u sempliċi tat-testi eżistenti, mingħajr tibdil sustanzjali;

1. Jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, li tidher hawn taħt;
2. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali;

⁽¹⁾ Għadha mhux ippublikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

⁽²⁾ ĠU C 102, 4.4.1996, p. 2.

L-Erbgħa 11 ta' Frar 2015

P8_TC1-COD(2014)0160

Pożizzjoni tal-Parlament Ewropew adottata fl-ewwel qari fil-11 ta' Frar 2015 bil-ħsieb ta' l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2015/... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-miżuri ta' salvagwardja previsti fil-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika tal-Islanda (kodifikazzjoni)

(Peress li ntlaħaq ftehim bejn il-Parlament u l-Kunsill, il-pożizzjoni tal-Parlament jaqbel mal-att legiſlattiv finali, r-Regolament (UE) 2015/475.)
